MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 877/2003

Kawza fil-lista: 38

**Micallef Enterprises Limited et**
**Vs**
**Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma et**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat fit-28 ta' Awissu 2003 li permezz tieghu l-imsemmija socjeta' u Dominic Micallef f' ismu proprju u kif ezercitanti n-negozju that l-isem Tattingers Disco rribatta l-pretensjoni tal-intimati ghas-somma ta' Lm42,383.09 rapprezentanti konsum ta' elettriku, ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors;

Rat ir-risposti tal-intimati prezentati fit-30 ta' Settembru 2003;

Rat ir-rikors ulterjuri da parti tal-intimata Korporazzjoni EneMalta fis-sens li r-rikors ghandu jigi michud stante li ma gietx segwita l-procedura kontemplata fl-Artikolu 466[2] tal-Kap.12 tenut kont tal-fatt li r-rikors sar wara l-iskadenza tal-perijodu ta' ghoxrin gurnata preskritt mill-istess Artikolu;

Rat ir-risposta tal-rikorrenti;
Semghet il-provi in propositu ghal din l-eccezzjoni;
Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet;
Ikkunsidrat;

Illi l-fatti formanti s-substrat tal-vertenza odjerna huma s-segwenti:
Fl-1 ta' Awissu 2003 ic-Chairman tal-Korporazzjoni ghas-servizzi ta' Ilma pprezenta ittra ufficjali[1] li permezz taghha informa formalment lil "Domenic Micallef f' ismu proprju, u kif ezercitanti n-negozju Tattingers Disco" bid-dikjarazzjoni guramentata tieghu li ggib l-istess data u li kopja taghha kienet annessa mal-istess ittra ufficjali.

Illi fl-imsemmija ittra ufficjali l-indirizz tal-intimati gie indikat hekk: "Saridirsan" Triq Ugo Mifsud, Ta' Xbiex.[2]

Illi fir-riferta li tidher fuq in-naha ta' wara tal-kopja tal-ittra ufficjali esebita, hemm indikat hekk: "nghid u nizgura li fis-6 ta' Awissu 2003 innotifikajt lil Domnic Micallef b' kopja 'ittra' bil-posta b' registrazzjoni nru.2406 …"[3] u l-istess riferta tinsab iffirmata mill-Purtier.

Minn dan jirrizulta car li n-notifika saret permezz tal-posta, fl-indirizz indikat fl-ittra ufficjali.

Illi l-imsemmi Domenic Micallef qed jikkontesta l-validita' ta' din in-notifika, u ghalhekk li it-terminu kontemplat fl-Artikolu 466[2] ma bediex jiddekorri fil-konfront tieghu gia la darba n-notifika ma kienitx valida.

---

[1] Fol.25 - 26
[2] Sottolinear tal-Qorti
[3] Fol.25 tergo

Fix-xhieda tieghu Domenic Micallef prezenta kopja tal-karta ta' l-identita'[4] tieghu minn fejn jirrizulta li l-indirizz residenzjali tieghu huwa "Sandringham" Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex; filwaqt li l-indirizz indikat fl-ittra ufficjali jgib l-isem "Saridrisan".

Il-Qorti tosserva li din il-prova per se hija sufficjenti sabiex tirrendi infondata l-eccezzjoni tal-intimati bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 466[2] in kwantu din id-disposizzjoni tal-ligi ghall-applikabilita' taghha tesigi li d-debitur ikun debitament notifikat, u hija mid-data tan-notifika li jigi attivat id-dekorriment tal-perijodu ta' ghoxrin gurnata. Il-presuppost ta' notifika valida huwa essenzjali ghall-applikabbilita' tal-kontenut ta' dan is-sub inciz.

Illi fix-xhieda tieghu l-imsemmi Domenic Micallef, filwaqt li kkonferma l-indirizz tieghu kif jirrizulta mill-karta ta' l-identita' tieghu, qal li hu ma jiftakarx li kien irceva l-ittra ufficjali de quo. "Kieku rcevejt ittra ufficjali bhal dik zgur li kont incempel lill-avukat tieghi u ninformah biha."[5] Din il-Qorti tenut kont tal-portata tal-pretensjoni tal-Korporazzjonijiet intimati hija propensa li taghti affidament ghal din l-allegazzjoni ta' Domenic Micallef fuq bazi ta' verosimiljanza.

Izda ghandu jigi osservat li l-kontestazzjoni in disamina mhijex li "d-debitur ma kienx jaf bin-notifika" f' liema kaz kien ikun applikabbli l-Artikolu 467 li jippresupponi notifika valida, izda li d-debitur ma kienx jaf biha; imma fil-kaz prezenti dak li qed jigi sostnut huwa proprju l-validita' tan-notifika, u ghalhekk l-assenza taghha.

Fir-rigward tal-validita' ta' notifika ghall-finijiet ta' proceduri gudizzjarji hija opportuna l-osservazzjoni tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza App.Civ. Dottor Michael Gialanze vs Sjakk Van Vleit [2000] Vol.LXXXIV.II.447 fis-sens li z-zmien ta' ghoxrin gurnata li l-ligi taghti lill-konvenut biex jirrispondi ghan-nota ta' eccezzjonijiet ghandu jkun wiehed reali u mhux virtwali fis-sens illi l-

[4] Fol.31
[5] Fol.29

konvenut kellu jkun materjalment notifikat – insenjament bazat fuq il-finalita’ tad-disposizzjoni tal-ligi li tirrikjedi n-notifika ta’ l-atti gudizzjarji: u kostruwit fuq il-principju tal-audi alteram partem inkorporat fid-dritt fundamentali tas-smiegh xieraq.

Fil-kaz in disamina, hija mankanti mhux biss il-prova ta’ notifika materjali, izda anke il-prova tan-notifika teknikament valida, stante li ma saritx fl-indirizz ta’ Domenic Micallef izda saret f’ post iehor, kif jirrizulta ampjament mill-provi dokumentali mhux kontradetti.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar din l-eccezzjoni billi tirrespingiha stante li hija nsostenibbli fattwalment u legalment: fattwalment ghax ma rrizultax li l-ittra ufficjal giet fil-fatt notifikata; u legalment ghax minghajr tali notifika ma jistax jibda jiddekorri l-perijodu ta’ ghoxrin gurnata indikat fl-Artikolu precitat.

Spejjez riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------